

32005R0781

L 131/24

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

25.5.2005

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 781/2005**ta' l-24 ta' Mejju 2005****li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 622/2003 li jistabbilixxi l-miżuri sabiex jiġu implimentati l-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà fl-avjazzjoni****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà fl-avjazzjoni ċivili¹ u b'mod partikolari l-Artikolu 4(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Kummissjoni għandha l-obbligu, skont ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002, li tadotta miżuri għall-implimentazzjoni tal-istandards bażiċi komuni għas-sigurtà tal-avjazzjoni fi ħdan il-Komunità Ewropea kollha. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 622/2003 tal-4 ta' April 2003 li jistabbilixxi l-miżuri sabiex jiġu implimentati l-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà fl-avjazzjoni² kien l-ewwel att li kien fih dan it-tip ta' miżuri.
- (2) Hemm il-ħtieġa ta' miżuri li jagħtu l-preċiżjoni lill-istandards bażiċi komuni.
- (3) Skont ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 u sabiex jiġu evitati atti kontra l-liġi, il-miżuri stabbiliti fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 622/2003 għandhom ikunu sigrieti u ma għandhomx jiġu ppubblikati. L-istess regola tapplika neċessarjament għal kull att emendatorju.
- (4) Ir-Regolament (KE) Nru 622/2003 għandu jiġi emendat skont dan.
- (5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni Ċivili,

¹ ĠU L 355, 30.12.2002, p. 1.

² ĠU L 89, 5.4.2003, p. 9, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 68/2004 (ĠU L 10, 16.1.2004, p. 14).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1
Għan

L-Anness għar-Regolament (KE) 622/2003 huwa emendat kif stipulat fl-Anness għal dan ir-Regolament.

L-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament għandu japplika fir-rigward tan-natura kunfidenzjali ta' dan l-Anness.

Artikolu 2
Id-Dħul fis-Seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 24 ta' Mejju 2005.

Għall-Kummissjoni

Jacques BARROT

Viċi President

ANNEX

B'konformità mal-Artikolu 1, l-anness huwa sigriet u m'għandux jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.